# IR-RAZZETT TAN-NANNU FLOK DISNEYLAND

"Johnnie tieghi, aqta' xhiex?" qalet Marion lil binha filwaqt li dahlet fil-kamra bit-tbissima fuq fommha. "Nannuk ghadu kemm cempel u qalli li jiehu pjacir jekk tmur sa ghandu fuq ir-razzett fil-vakanzi tal-Milied."

"O le," haseb Johnnie filwaqt li nehha ghajnejh minn fuq it-tablet u l-headphones minn widnejh.

"Imma, inti ma ghidtlix li fil-vakanzi tal-Milied sejrin Disneyland din is-sena."

"Ghaziz," qaltu ommu," anqas missierek ma ser ikun hawn ghall-vakanzi. Ser jigi ghall-Milied u l-ghada jerga' jitlaq ghax-xoghol. Din is-sena giet hazina ghal Disneyland. Naf li tixtieq tmur, jiddispjacini. Nannuk jixtieq jarak u li taghmel esperjenza reali huwa bil-wisq ahjar minn Disneyland."

Johnnie gerger tnejn minn taht l-ilsien u ma halliex lil ommu tisimghu. L-ghada tal-Milied sab ruhu fl-istazzjon tal-ferrovija flimkien ma' missieru u wara li tahom tghannieqa t-tnejn tela' t-trejn ghal Montana.

Nannuh kien jistennieh fl-istazzjon tal-ferrovija bil-van. "Hej, Johnnie," tah merhba nannuh. "Kif inti nann?" qallu Johnnie.

It-tnejn telqu mis-sala ta' l-istazzjon u rhewlha lejn il-van. Hekk kif fetah il-bieba, Bolt hareg jilqa' lil Johnnie u ksieh bil-bews. "Milli jidher Bolt diga jhobbok," qallu n-nannu filwaqt li ghabba l-bagalja fil-vann.

"Allura nteressat li tahdem fir-razzett?"

" Ma tantx nann," qallu minn taht l-ilsien. "F'temp bhal dan



ahjar toqghod imgezzez quddiem ic-cumnija ghas-shana tan-nar."

"Nizgurak li din il-gimgha li ser tqatta mieghi terga' ittik is-sahha u tmur l-iskola b'mohh aktar miftuh," wiegbu n-nannu biex jaghmillu kuragg.

Wara siegha sewqan, it-tnejn waslu fuq r-razzett zghir tan-nannu. Id-dar kienet zghira mdawwra b'hafna sigar. Ir-razzett kien magemb id-dar fuq in-naha tal-lemin. Hemm in-nannu kien izomm it-tigieg, u l-moghoz u nghag. Wara d-dar kellu gnien fejn kien ikabbar xi hxejjex tal-kcina. Hekk kif wasal, Johnnie dam jgharrex hafna biex jara jilmahx xi antenna tat-T.V. imma xejn. Johnnie kien ihobb iqatta hafna hin jara l-programmi tat-T.V.

"Nann. Mela bqajt ma tridx TV fid-dar tieghek"

"Iva bqajt ta' dik il-fehma," wiegeb in-nannu," u dan x'nambieh, Johnnie. Hini nqattu man-natura. Ma hawnx isbah minnha u qatt ma ttik fastidju jew tinkwetak."

"Ara Johnnie il-kamra tieghek hija fuq u nittama li tkun tghogbok."

Johnnie tella' il-bagalja u qieghed hwejgu bil-galbu fil-gwardarobba. Ta harsa mit-tieqa u fl-isfond lemah xemx dghajfa xitwija niezla wara l-muntanji. Johnnie ammira l-bosta sigar u gholjiet fil-boghod. Imbaghad qaghad bil-qieghda fuq pultruna fir-rokna tal-kamra u tefa' il-headphones ma' widnejh.

Imma ma damx wisq ghax nannuh ghajjatlu ghal ikel. Nefah tnejn ghax telfu minn kanzunetta li kienet tghogbu hafna u nizel it-tarag.

“Tidher li ga adattat ruhek ghall-hajja fuq ir-razzett, Johnnie. Din ser tkun gimgha biezla hafna ghalina u ma nafx kemm ikollok hin biex tilghab bit-tablet .”

“Imma nann,” hatfu fil-kelma Johnnie.

“Imma xejn,” qabez qallu fil-pront in-nannu,” Meta tkun mieghek l-ghazz ma jezistix. Tara issa kemm tiehu pjacir.”

L-ghada bdew ix-xoghol kif kien qallu n-nannu. In-nannu xammar il-kmien u bhalu ghamel Johnnie. “F’dan iz-zmien ma ghandekx bzonn ta’ kannen ta’ l-irrigazzjoni ghax il-pjanti ghandhom l-ilma tal-Bambin.”

Johnnie malajr nesa’ it-tablet u dahal b’ruhu u gismu ghax-xoghol.

Kien jiehu pjacir jitma’ lit-tigieg u lill-moghoz u n-nghag. Ghall-habta ta’ l-erbgha kienu jidhlu gewwa u filwaqt li n-nannu jsajjar, Johnnie kien imur jinhasel biex inehhi il-hmieg tal-jum minn fuqu. L-ikel tan-nannu kien jghogbu hafna ghax kien isajjar ikel tal-kampanja, b’haxix frisk u sabih. Xejn bottijiet u preservijiet. Kien jghogbu aktar minn dak li ssajjar ommu, ghalkemm qatt ma qalilha dan biex ma jaghtihiex dispjacir. Imbaghad wara l-ikel kien jipprova jixghel ftit it-tablet izda ma kienx jaghmel aktar minn hames minuta ghax jorqod minnufih.

U kien jibqa' rieqed fit-tard li kieku nannuh ma kienx imur jaqilbu mis-sodda. "Isa, ghax ghalkemm ix-xemx ghadha ma dehritx, il-jum sebah. Illum xita ghandna Johnnie. Qis li meta tohrog barra tilbes incirata. Ara ghandek il-kolazzjon fuq il-mejda, wara ejja ltaqa' mieghi fil-maqjel tal-moghoz u n-nghag. Illum nurik xi haga sabieha."

Kien igerger tnejn bejnu u bejn ruhu u jghid li hadd ma ghandu jqum qabel ma jsaffru l-ghasafar. Imma l-ghasafar kienu kollha ghal irdoss f'xi toqba fil-hajt.

U hekk kien ghax nannuh urieh kif jahleb lill-annimali. Wara kellu jnaddaf il-maqjel ghax kif kien iwissih in-nannu l-indafa kien haga ewlenija jekk trid annimali f'sahhithom.

Meta spiccaw ix-xoghol tal-jum kielu, bacon u bajd u hobz mixwi. Kemm kiel tajjeb Johnnie u bla ma ried stqarr ma' nannuh li l-ikel tal-kampanja huwa ahjar minn dak tal-belt.

Ix-xoghol fuq ir-razzett kien dejjem varju. Daqqa Johnnie kien iqatta' u jnehhi l-haxix hazin tal-gnien ghax in-nannu kien ser jizra' il-fjuri u ohra jizra' x-xtieli fil-hammiela.

Filghaxija Johnnie ma felahx aktar izomm dak li kellu f'mohhu u qal lin-nannuh: " Kif tistaporti tahdem il-jum kollu minghajr ma tistrieh u l-ghada tqum u taghmel l-istess haga?"

Nannuh waqaf milli jdellek il-butir fuq bicca hobz u wiegbu: " Li tahdem hu pjacir, Ix-xoghol jaghmilni zaghzugh. Tahsad dak li tizra' Johnnie."

Issa Johnnie kien ilu tlett ijiem fir-razzet ta' nannuh. Meta filghodu ntasab mal-mejda ghall-kolazzjoni, Johnnie sab il-gallettini tal-kampanja ghal mat-te. Kiel kemm felah, nizlulu ghasel u d-dar ma jsibhomx. Wara mar ma' nannuh ribka fuq il-karrettun bil-prodotti ta' l-ghalqa biex ibieghuhom fis-suq tar-rahal. Maghhom kien hemm Bolt. Hemm damu sa l-ghaxra ta' filghodu ghax biegh il-prodotti kollha li kellu fuq il-karrettun. Kemm dahaq fih nnifsu meta kien jara n-nannu jitbaqbaq meta n-nisa kienu jiggebbdu fil-prezzijiet u n-nannu jghidilhom li prodotti friski bhal tieghu ma kienx hemm. Dak in-nhar kien jum li fih ix-xita ma ghamlitx ghalkemm kienet imdendla ghal ahhar.

Wara li waslu d-dar, in-nannu fetah il-fridge u hareg bicca shepherd's pie, sahhanha u kieluha. Johnnie ma halla xejn fil-platt u wara li xorbu tazza halib, it-tifel qal lin-nannu: " issa inti oqghod strieh, rajtek kemm tbaqbaqt is-suq, il-platti u l-indafa ghalija."

"Li kieku ma taghmilx hekk in-nisa tad-dar jisolhuk u jiehdu kollox b'xejn."

Imma n-nannu ma marx jistrieh. Dahal fil-kamra ta' l-injam fil-bitha. Johnnie tela' fuq u gab it-tablet. Ma damx jilghab wisq



biha ghaliex in-nannu ghajjatlu u stiednu jmur mieghu jistad fix-xmara tal-qrib.

“Xinhu l-ahjar it-tablet jew sajda?”

Johnnie ma rrispondhiex. Pogga t-tablet fuq il-mejda u mar man-nannu. Dak il-hin is-shab warrab biex jagmel post ghax-xemx. Johnnie qatt ma stad u dik kienet haga gdida ghalih. Mill-bahar hu kien joqghod il-boghod. Imma meta missitu huta u gibed il-qasba ‘l fuq ghajjat ghajta ta’ ferh u talab l-ghajnuna tan-nannu. “Ejja nann ara, x’ser naghmel?”

“Igbidha bil-mod ghal fuq ix-xatt u l-kumplament hallieh f’idejja.”

Marru lura d-dar b'sitt hutiet kbar li n-nannu kellu fi hsiebu li jixwi bil-hwawar friski fuq il-hatab ghal l-ewwel tas-sena.

Lejlet l-ewwel tas-sena, Johnnie kien qed jahleb in-nghag kif ghallmu nannuh biex bil-halib taghhom jaghmel il-gbejniet skont ir-ricetta tan-nannu. Ma tantx dam kwiet ghaliex fil-passagg li jaghti ghar-razzett, lemah dahna trab. Kienet karrozza u l-karrozza kienet ta' ommu li giet biex tqatta' l-ewwel tas-sena ma' missierha billi zewgha kien imsiefer u ma riditx tibqa' wahedha d-dar.

Wara li ghannaqha, ommu qaltu: " Kif mort fil-vaganzi tal-Milied? Hadt pjacir?"

Nannuh dahal fil-kcina biex jipprepara tazza halib shun flimkien mal-gallettini tal-kampanja ghal bintu Marion. Ma riedx jisma' it-twegiba ta' neputih, ghalkemm widnejh twalu daqs ta' hmar fil-kcina.

"Bla dubju, ma. Darb'ohra nerga' nigi," qal Johnnie. U b'lehen aktar gholi kompla jzid, "jekk ikun iridni n-nannu."

In-nannu semghu, hareg rasu u qallu: " Meta trid il-bieb tieghi dejjem miftuh. Ghada, Marion, ghal l-ewwel tas-sena ser nieklu hut li qbadna, jiena u ibnek mix-xmara."